

- tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, għall-ħlas ta' pagamenti ta' penali ta' EUR 112 190,40 għal kull jum, mid-data meta tingħata s-sentenza ta' din il-kawża, peress li ma osservatx l-obbligu tagħha li tinnotifika l-miżuri ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2007/65/KE;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fid-19 ta' Diċembru 2011.

(<sup>1</sup>) ĠU L 332, p. 27.

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret fis-16 ta' Lulju 2012 — Ministeriet for Forskning, Innovation og Videregående Uddannelser vs Manova A/S

(Kawża C-336/12)

(2012/C 287/47)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

### Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Ministeriet for Forskning, Innovation og Videregående Uddannelser

Konvenuta: Manova A/S

### Domanda preliminari

Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit fid-dritt tal-Unjoni Ewropea jfisser li wara l-iskadenza tat-terminu għas-sottomissjoni ta' kandidatura għal proċedura ta' sejħa għal offerti, awtorità kontraenti ma tistax tikseb l-aħħar kontijiet annwali ta' kandidat, li l-komunikazzjoni tagħhom kienet meħtieġa fl-avviż ta' preselezzjoni, meta l-imsemmi kandidat ikun naqas milli jehmeż dawn id-dokumenti mal-applikazzjoni għall-preselezzjoni tiegħu?

### Appell ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2012 minn Mizuno KK kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Mejju 2012 fil-Kawża T-101/11 — Mizuno KK vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-341/12 P)

(2012/C 287/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Appellanti: Mizuno KK (rappreżentanti: T. Wessing, T. Raab u H. Lauf, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 Mejju 2012 fil-Kawża T-101/11 kif ukoll id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-15 ta' Diċembru 2010 — Każ R 0821/2010-1;

- tikkundanna lill-parti l-oħra fil-proċedura għall-ispejjeż kemm tal-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell preżenti huwa intiż kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 Mejju 2012 fil-Kawża T-101/11, li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors tal-appellanti kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tal-15 ta' Diċembru 2010 (Każ R 821/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Golfino AG u Mizuno KK.

Insostenn tal-appell tagħha l-appellanti essenzjalment tinvoka l-aggravji li ġejjin:

Il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali sabiex jiproteġu l-iskop ta' protezzjoni u l-karattru distintiv ta' trade mark figurattiv eżistenti li tikkonsisti mill-ittra "G" u mis-simbolu "+" kienu vvizzjati legalment. Il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, kienet assumiet li l-kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ elementi ma għandha l-ebda tifsira.

Għalhekk, wieħed jassumi li l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, sabet probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark figurattiva eżistenti u t-trade mark figurattiva li għaliha saret applikazzjoni mill-appellanti, li tikkonsisti mill-ittra "G", mis-simbolu "+" kif ukoll mis-simbolu ta' vleġġa, billi bbażat l-evalwazzjoni tax-xebh bejn is-sinjali mhux fuq impressjoni ġenerali ta' dawn iż-żewġ trade marks, iżda fuq komponenti individwali tagħhom.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat, li x-xebh li hemm bejn iż-żewġ trade marks permezz tal-ittra "G" hija sostanzjali metq mqabbli ma' dik tal-komponenti differenti l-oħra. Għal evalwazzjoni xierqa, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiddeċiedi dwar l-ittra "G" waħedha, iżda biss fir-rigward tas-simbolu globali.

Filwaqt li huwa veru li fiż-żewġ trade marks kunfliġġenti jikkonsistu mill-fonema/g/, l-enfasi tinsab b'mod ċar fuq il-grafika ta' dawn it-trade marks u mhux fuq il-fonetika tagħhom. Għalhekk ma tistax titqies li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn iż-żewġ trade marks.